Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT Is-serje L

2025/2230

4.11.2025

# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2230

## tad-29 ta’ Ottubru 2025

## li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 1352/2013 fir-rigward tat-tipi ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali inklużi fil-formola tal-applikazzjoni għal azzjoni doganali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1352/2013 ([2]) jistabbilixxi fl-Anness I tiegħu l-formola standard li għandha tintuża għal talba lill-awtoritajiet doganali biex jieħdu azzjoni fir-rigward ta’ oġġetti suspettati li jiksru dritt ta’ proprjetà intellettwali (“il-formola tal-applikazzjoni”), kif imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

(2) Fil-kaxxa 5 tal-formola tal-applikazzjoni, l-applikant għandu jindika t-tip ta’ dritt(ijiet) ta’ proprjetà intellettwali li għalih(om) tirreferi l-applikazzjoni. Peress li xi tipi ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali ġew aġġornati permezz ta’ atti legali elenkati hawn taħt, huwa meħtieġ li dawn it-tipi ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali jiġu aġġornati fil-formola tal-applikazzjoni.

(3) Ir-Regolament (UE) 2024/2822 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) aġġorna t-termini “disinn Komunitarju reġistrat” u “disinn Komunitarju mhux reġistrat” għat-termini “disinn irreġistrat tal-UE” u “disinn tal-UE mhux irreġistrat” rispettivament. Għalhekk, jenħtieġ li l-kaxxa 5 tal-formola tal-applikazzjoni tiġi aġġornata skont dan.

(4) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), it-terminu “għal prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel” ġie aġġornat għal “għall-prodotti agrikoli”. Għalhekk, jenħtieġ li dak it-terminu jiġi aġġornat taħt l-intestatura “Indikazzjoni Ġeografika/Denominazzjoni ta’ Oriġini” fil-kaxxa 5 tal-formola tal-applikazzjoni.

(5) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), jeħtieġ li titħassar id-denominazzjoni “għal xarbiet aromatizzati bbażat fuq prodotti tal-inbid” mill-formola tal-applikazzjoni peress li dawk il-prodotti issa jaqgħu taħt il-kategorija “għall-prodotti agrikoli”.

---

([1]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/608/oj.

([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1352/2013 tal-4 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-formoli previsti fir-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/1352/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2024/2822 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2246/2002 (ĠU L, 2024/2822, 18.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2822/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta’ Diċembru 2021, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2117/oj).

(6) Ir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) jintroduċi sistema ġdida għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali fl-Unjoni. Peress li dawk id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 608/2013, jenħtieġ li l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet doganali jieħdu azzjoni fir-rigward ta' oġġetti suspettati li jiksru dawk id-drittijiet. Għaldaqstant, l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali jenħtieġ li jiġu inklużi fit-tipi ta' drittijiet li għalihom tirreferi l-applikazzjoni fil-kaxxa 5 tal-formola tal-applikazzjoni.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1352/2013 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 1352/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Anness I huwa sostitwit bit-test tal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) Fl-Anness III, il-Part I, il-kaxxa 6, is-sentenza 3 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Fil-każ li l-Irlanda ta' Fuq (XI) hija indikata, l-applikazzjoni għandha tkun applikazzjoni tal-Unjoni u tista' tingħata biss għall-protezzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li ġejjin li huma protetti fl-Irlanda ta' Fuq bis-saħħa tal-Protokoll IE/NI (*):

(a) indikazzjonijiet ġeografiċi jew denominazzjonijiet ta' oriġini protetti għal prodotti agrikoli u l-inbejjed, kif ukoll indikazzjonijiet ġeografiċi protetti għax-xarbiet spiritużi, kif previst fir-Regolament (UE) Nru 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);

(b) indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti artiġjanali u industrijali kif previst fir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***).

(*) Il-Qafas ta' Windsor huwa l-mod il-ġdid li bih il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jissemma f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

(**) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spiritu u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

(***) Ir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 (ĠU UE L, 2023/2411, 27.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2411/oj).".

([6]) Ir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 (ĠU L, 2023/2411, 27.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2411/oj).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

*"ANNESS I*

## L-UNJONI EWROPEA – TALBA GĦAL INTERVENT

1

KOPJA GĦAD-DIPARTIMENT DOGANALI KOMPETENTI

1. Applikant
Isem*:
Nru-EORI*:
Indirizz*:
Belt*:
Kodiċi Postali:
Pajjiż*:
Nru VAT:
Nru ta' reġistrazzjoni nazzjonali:
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)
Emejl*:
Websajt:

**Għall-użu uffiċjali**
Data tar-Riċevuta
Numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni

DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TALBA GĦAL INTERVENT MILL-AWTORITAJIET DOGANALI

skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013

2*. Applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea ☐
Applikazzjoni Nazzjonali ☐
Applikazzjoni Nazzjonali (ara l-Artikolu 5(3)) ☐

3*. Status tal-applikant
☐ Id-detentur tad-dritt
☐ Persuna jew entità awtorizzata li tagħmel użu mid-dritt tal-PI
☐ Korp ta' ġestjoni drittijiet tad-kollettivi tal-Proprjetà Intellettwali
☐ Korp ta' difiża professjonali
☐ Grupp ta' produtturi ta' prodotti b'Indikazzjoni Ġeografika jew rappreżentant ta' tali grupp
☐ Operatur intitolat li jagħmel użu minn Indikazzjoni Ġeografika
☐ Korp jew awtorità ta' spezzjoni kompetenti għall-Indikazzjoni Ġeografika
☐ Detentur ta' liċenzja esklussiva li tkopri żewġ Stati Membri jew aktar

4. Rappreżentant li jissottometti l-applikazzjoni f'isem l-applikant
Kumpanija:
Isem*:
Nru-EORI*:
Indirizz*:
Belt*:
☐ L-evidenza tas-setgħa tar-rappreżentanti li jaġixxu hija allegata
Kodiċi Postali:
Pajjiż*:
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)
Emejl*:
Websajt:

1

5*. Tip ta' dritt li tirreferi għalih l-applikazzjoni
☐ Marka reġistrata nazzjonali (NTM)
☐ Trademark tal-Unjoni Ewropea (EUTM)
☐ Marka reġistrata internazzjonali (ITM)
☐ Disinn reġistrat nazzjonali (ND)
☐ Disinn irreġistrat tal-UE (REUD)
☐ Disinn reġistrat internazzjonali (ICD)
☐ Disinn tal-UE mhux reġistrati (UEUD)
☐ Dritt tal-awtur u dritt relatat (NCPR)
☐ Titlu kummerċjali (NTN)
☐ Topografija ta' prodott semikonduttur (NTSP)
☐ Privattiva kif prevista mil-liġi nazzjonali (NPT)
☐ Privattiva kif prevista mil-liġi tal-Unjoni (UPT)
☐ Mudell ta' utilità (NUM)

Indikazzjoni Ġeografika/Denominazzjoni tal-oriġini
☐ għal prodotti agrikoli (EGIP)
☐ għall-inbid (EGIW)
☐ għal prodotti artiġjanali u industrijali (CIGI)
☐ għal xorb spiritu ż (EGIS)
☐ għal prodotti oħra (NGI)
☐ kif elenkat fil-Ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi (EGIL)

Dritt għall-varjetà tal-pjanti:
☐ nazzjonali (NPVR)
☐ tal-Komunità (CPVR)

Ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni:
☐ għal prodotti mediċinali (SPCM)
☐ għal prodotti fitofarmaċewtiċi (SPCP)

6*. L-Istat Membru jew, fil-każ ta' applikazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri li fih/fihom jintalab l-intervent tal-awtoritajiet doganali

☐ L-ISTATI MEMBRI KOLLHA

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ☐ BE | ☐ BG | ☐ CZ | ☐ DK | ☐ DE | ☐ EE | ☐ IE | ☐ EL | ☐ ES | ☐ FR | ☐ HR | ☐ IT | ☐ CY | ☐ LV |
| ☐ LT | ☐ LU | ☐ HU | ☐ MT | ☐ NL | ☐ AT | ☐ PL | ☐ PT | ☐ RO | ☐ SI | ☐ SK | ☐ FI | ☐ SE | ☐ XI |

7. Rappreżentant għal kwistjonijiet legali
Kumpanija:
Isem*:
Indirizz*:
Belt*:
Kodiċi Postali:
Pajjiż*:
Telefown: (+) Faks: (+)
Mowbajl: (+)
Emejl*:
Websajt:

8. Rappreżentant għal kwistjonijiet tekniċi
Kumpanija:
Isem*:
Indirizz*:
Belt*:
Kodiċi Postali:
Pajjiż*:
Telefown: (+) Faks: (+)
Mowbajl: (+)
Emejl*:
Websajt:

9. Fil-każ ta' applikazzjoni tal-Unjoni, id-dettalji tar-rappreżentanti nominati għal kwistjonijiet legali u tekniċi huma inklużi fl-anness Nru ......

10. Nitlob li tintuża l-proċedura tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 (kunsinni żgħar) fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri li ġejjin u, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, naqbel li nkopri l-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-oġġetti skont din il-proċedura.

☐ L-ISTATI MEMBRI KOLLHA

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ☐ BE | ☐ BG | ☐ CZ | ☐ DK | ☐ DE | ☐ EE | ☐ IE | ☐ EL | ☐ ES | ☐ FR | ☐ HR | ☐ IT | ☐ CY | ☐ LV |
| ☐ LT | ☐ LU | ☐ HU | ☐ MT | ☐ NL | ☐ AT | ☐ PL | ☐ PT | ☐ RO | ☐ SI | ☐ SK | ☐ FI | ☐ SE | ☐ XI |

* dawn huma oqsma obbligatorji u jridu jimtlew 1 (+) mill-inqas wieħed minn dawn l-oqsma jrid jimtela

| 11*. Lista ta' drittijiet li tirreferi għalihom l-applikazzjoni | | | | Data ta' | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru | Tip ta' dritt | Numru ta' reġistrazzjoni | Data ta' reġistrazzjoni | skadenza | Lista ta' prodotti li jirreferi għalihom id-dritt |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

Għal aktar drittijiet ara l-anness nru ...... ☐ Trattament ristrett

Prodotti awtentiċi

12*. Deskrizzjoni dettaljata tal-prodotti ☐ Trattament ristrett

Nru tad-dritt tal-PI:

Deskrizzjoni tal-prodotti:

Numru tat-tariffa tan-NM:

Valur doganali:

Valur tas-suq medju Ewropew:

Valur tas-suq nazzjonali: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

13*. Karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti ☐ Trattament ristrett

Il-pożizzjoni fuq il-prodotti:

Deskrizzjoni:

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

14*. Post tal-produzzjoni ☐ Trattament ristrett

Pajjiż:

Kumpanija:

Indirizz:

Belt:

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

15*. Kumpaniji involuti ☐ Trattament ristrett

Rwol:

Isem:

Indirizz:

Belt:

Kodiċi Postali:

Pajjiż: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

16*. Kummerċjanti ☐ Trattament ristrett

Isem:

Indirizz:

Belt:

Kodiċi Postali:

Pajjiż: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

17. Tagħrif dwar l-ikklerjar tal-prodotti u d-distribuzzjoni tagħhom ☐ Trattament ristrett

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

18. Pakketti ☐ Trattament ristrett

Tip ta' imballaġġ:

Għadd ta' prodotti f'kull pakkett:

Deskrizzjoni (inklużi karatteristiċi speċifiċi):

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

19. Dokumenti allegati ☐ Trattament ristrett

Tip ta' dokument:

Deskrizzjoni:

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

2

| Prodotti foloz | |
|---|---|
| 20. Deskrizzjoni dettaljata tal-prodotti<br>Nru tad-dritt tal-PI:<br>Deskrizzjoni tal-prodotti:<br><br>Numru tat-tariffa tan-NM:<br>Valur minimu: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 21. Karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti<br>Pożizzjoni fuq il-prodotti:<br>Deskrizzjoni: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 22. Post tal-produzzjoni<br>Pajjiż:<br>Kumpanija:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 23. Kumpaniji involuti<br>Rwol:<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali:<br>Pajjiż: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 24. Kummerċjanti<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali:<br>Pajjiż: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 25. Tagħrif dwar id-distribuzzjoni tal-prodotti | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 26. Pakketti<br>Tip ta' imballaġġ:<br>Għadd ta' prodotti f'kull pakkett:<br>Deskrizzjoni (inklużi karatteristiċi speċifiċi): | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 27. Dokumenti allegati<br>Tip ta' dokument:<br>Deskrizzjoni: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |

3

28. Tagħrif addizzjonali ☐ Trattament ristrett

☐

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

29. Impenji

Billi niffirma nieħu l-impenn li:

• ninnotifika immedjatament lid-dipartiment doganali kompetenti li laqa' din l-applikazzjoni bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni pprovduta minni f'din l-applikazzjoni jew fl-allegati skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

• nibgħat lid-dipartiment doganali kompetenti li laqa' din l-applikazzjoni kwalunkwe aġġornament rigward l-informazzjoni imsemmija fil-punti (g), (h) jew (i) tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 608/2013 li hija relevanti għall-analiżi u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet tad-dwana rigward ir-riskju ta' ksur tad-dritt jew drittijiet tal-proprjetà intellettwali inklużi f'din l-applikazzjoni.

• nassumi r-responsabbiltà skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 u li ngarrab l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

Naqbel li d-data kollha ppreżentata ma din l-applikazzjoni tista' tiġi pproċessata mill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, li taġixxi bħala proċessur f'isem l-Istati Membri u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea.

30*. Firma

Data (JJ/XX/SSSS)

Firma tal-applikant

Post

Isem (ittri kapitali)

**Għall-użu uffiċjali**

Id-deċiżjoni tal-awtoritajiet doganali (skont it-tifsira tat-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013)

☐ L-applikazzjoni hija milqugħa kompletament.

☐ L-applikazzjoni hija milqugħa parzjalment (għad-drittijiet mogħtija ara l-lista allegata).

Data tal-adozzjoni (JJ/XX/SSSS) | Firma u timbru | Dipartiment doganali kompetenti

Id-data ta' skadenza tal-applikazzjoni:

Kwalunkwe talba għal estensjoni tal-perjodu li fih l-awtoritajiet tad-dwana jridu jieħdu azzjoni għandha tasal għand id-dipartiment doganali kompetenti mhux aktar tard minn 30 jum ta' xogħol qabel id-data tal-iskadenza.

☐ L-applikazzjoni ġiet miċħuda.

Deċiżjoni motivata li tiddikjara r-raġunijiet għal ċaħda parzjali jew kompleta u tagħrif dwar il-proċedura tal-appell huma mehmuża.

Data (JJ/XX/SSSS) | Firma u timbru | Dipartiment doganali kompetenti

4

**Il-protezzjoni personali tad-data u l-bażi tad-data ċentrali għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal intervent.**

Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega r-raġunijiet għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek, il-mod kif tinġabar, tiġi trattata u l-mod kif il-protezzjoni tad-data personali kollha tiegħek tiġi żgurata. L-awtorità doganali kompetenti ta' Stat Membru hija/huma l-kontrollur(i) tal-operazzjoni tal-ipproċessar. Għal dan il-għan il-kontrollur(i) jipproċessa(w) id-data personali li hemm f'din l-applikazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data.
Il-Kummissjoni Ewropea taġixxi bħala proċessur f'isem l-Istati Membri u tipproċessa data personali inkluża f'din l-applikazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data.
L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tal-applikazzjoni għal azzjoni huwa l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) mill-awtoritajiet doganali fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.
Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali għall-infurzar tal-IPR hija l-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.
L-attività ta' pproċessar tal-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-Istati Membri u skont il-mandat tagħhom, tikkonsisti fil-ħażna u ż-żamma tad-data personali relatata mal-applikazzjonijiet għal azzjoni u l-hemżiet tagħha fil-bażi tad-data ċentrali COPIS. Dan jinkludi ż-żamma ta' arranġamenti tekniċi u organizzazzjonali xierqa għall-operazzjoni affidabbli u sigura tal-bażi tad-data COPIS. Miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa li jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju tat-telf tad-data, l-alterazzjoni tad-data jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju maħluq mill-ipproċessar u n-natura tad-data personali li tkun qed tiġi pproċessata. L-aċċess għad-data personali jingħata fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif u permezz ta' kontijiet personali lil persunal awtorizzat tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni Ewropea. Il-punt ta' kuntatt fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea għal mistoqsijiet dwar l-attività ta' pproċessar fil-COPIS huwa d-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali: TAXUD-DP-COPIS@ec.europa.eu.
Għal analiżi aktar fil-fond tad-data tal-ksur u biex l-ambitu ġeografiku u l-impatt tal-ksur tal-IPR jinftiehmu aħjar, il-Kummissjoni fi ħdan il-mandat mogħti lilha mill-Istati Membri, flimkien mad-data tal-ksur se tibgħat isem id-detentur rispettiv tad-deċiżjoni li abbażi tagħha jkunu aġixxew id-Dwana, lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea. Ir-referenza tar-reġistru tal-operazzjoni tal-ipproċessar tal-EUIPO hija DPR-2019-051 (https://euipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/contentPdfs/data_protection/rpt_register_en.pdf).
It-tweġibiet fl-oqsma tad-data mmarkati b'* huma obbligatorji. Fil-każ li din id-data obbligatorja ma timteliex, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda.
L-awtoritajiet doganali jridu jħassru d-data mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' meta d-deċiżjoni rilevanti li tilqa' l-applikazzjoni tkun ġiet revokata jew mid-data ta' meta l-perjodu rilevanti li matulu l-awtoritajiet doganali jistgħu jieħdu azzjoni jkun skada. Il-perjodu li matulu l-awtoritajiet doganali jridu jieħdu azzjoni għandu jkun speċifikat mid-dipartiment doganali kompetenti meta jilqa' l-applikazzjoni u ma għandux jaqbeż sena mill-għada tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tilqa' l-applikazzjoni. Madankollu, meta l-awtoritajiet doganali jkunu ġew innotifikati bi proċedimenti li jinbdew biex tiġi determinata falsifikazzjoni possibbli ta' oġġetti skont l-applikazzjoni, dawn iridu jħassru d-data personali mhux aktar tard minn sitt xhur wara li l-proċedimenti jkunu ġew konklużi b'mod finali.
F'każ ta' vjolazzjoni tad-data personali, l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'konformità mad-doveri tagħhom li huma stipulati fil-GDPR. Meta huwa probabbli li l-vjolazzjoni tad-data personali tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tiegħek l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri għandhom jinfurmawk minnufih ħalli inti tkun tista' tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa.
Għandek id-dritt taċċessa u tikkoreġi d-data personali tiegħek f'kull ħin speċjalment jekk id-data mhijiex preċiża jew mhijiex kompluta. Għandek id-dritt li (fejn applikabbli) titlob għal restrizzjoni tal-ipproċessar jew tat-tħassir ("id-dritt li tkun minsi(ja)"), li toġġezzjona għall-ipproċessar, li tirtira l-kunsens tiegħek, u li ma tkunx soġġett għal teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati, inkluż it-tfassil ta' profili. It-talbiet kollha għandhom jiġu ppreżentati u pproċessati mid-dipartiment doganali kompetenti fejn tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni.
Għal-lista tad-dipartimenti doganali kompetenti fl-Istati Membri ara https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/customs/customs_controls/counterfeit_piracy/right_holders/defend-your-rights_en.pdf
Jekk tħoss li d-drittijietek ġew miksura b'xi mod, għandek id-dritt li tilmenta mal-awtorità superviżorja nazzjonali inkarigata mill-protezzjoni tad-data (informazzjoni ta' kuntatt hawnhekk: https://edpb.europa.eu/about-edpb/board/members_mt) billi ssegwi l-proċedura nazzjonali applikabbli. Jekk għandek kummenti, mistoqsijiet jew xi tħassib ieħor dwar il-ġbir u l-użu tad-data personali tiegħek, inti liberu tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) fl-Organizzazzjoni Doganali tal-Istat Membru. Meta l-ilment ikun jikkonċerna l-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni Ewropea, dan għandu jiġi indirizzat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

5

## L-UNJONI EWROPEA – TALBA GĦAL INTERVENT

2

KOPJA GĦALL-APPLIKANT

1. Applikant
Isem*:
Nru-EORI*:
Indirizz*:
Belt*:
Kodiċi Postali:
Pajjiż*:
Nru VAT:
Nru ta' reġistrazzjoni nazzjonali:
Telefown: (+)
Mowbajl: (+)
Faks: (+)
Emejl*:
Websajt:

**Għall-użu uffiċjali**
Data tar-Riċevuta
Numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni

DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI

TALBA GĦAL INTERVENT MILL-AWTORITAJIET DOGANALI

skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013

2*. Applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea ☐
Applikazzjoni Nazzjonali ☐
Applikazzjoni Nazzjonali (ara l-Artikolu 5(3)) ☐

3*. Status tal-applikant
☐ Id-detentur tad-dritt
☐ Persuna jew entità awtorizzata li tagħmel użu mid-dritt tal-PI
☐ Korp ta' ġestjoni drittijiet tad-kollettivi tal-Proprjetà Intellettwali
☐ Korp ta' difiża professjonali
☐ Grupp ta' produtturi ta' prodotti b'Indikazzjoni Ġeografika jew rappreżentant ta' tali grupp
☐ Operatur intitolat li jagħmel użu minn Indikazzjoni Ġeografika
☐ Korp jew awtorità ta' spezzjoni kompetenti għall-Indikazzjoni Ġeografika
☐ Detentur ta' liċenzja esklussiva li tkopri żewġ Stati Membri jew aktar

4. Rappreżentant li jissottometti l-applikazzjoni f'isem l-applikant
Kumpanija:
Isem*:
Nru-EORI*:
Indirizz*:
Belt*:
☐ L-evidenza tas-setgħa tar-rappreżentanti li jaġixxu hija allegata
Kodiċi Postali:
Pajjiż*:
Faks: (+)
Telefown: (+)
Emejl*:
Mowbajl: (+)
Websajt:

2

5*. Tip ta' dritt li tirreferi għalih l-applikazzjoni
☐ Marka reġistrata nazzjonali (NTM)
☐ Trademark tal-Unjoni Ewropea (EUTM)
☐ Marka reġistrata internazzjonali (ITM)
☐ Disinn reġistrat nazzjonali (ND)
☐ Disinn irreġistrat tal-UE (REUD)
☐ Disinn reġistrat internazzjonali (ICD)
☐ Disinn tal-UE mhux reġistrati (UEUD)
☐ Dritt tal-awtur u dritt relatat (NCPR)
☐ Titlu kummerċjali (NTN)
☐ Topografija ta' prodott semikonduttur (NTSP)
☐ Privattiva kif prevista mil-liġi nazzjonali (NPT)
☐ Privattiva kif prevista mil-liġi tal-Unjoni (UPT)
☐ Mudell ta' utilità (NUM)

Indikazzjoni Ġeografika/Denominazzjoni tal-oriġini
☐ għal prodotti agrikoli (EGIP)
☐ għall-inbid (EGIW)
☐ għal prodotti artiġjanali u industrijali (CIGI)
☐ għal xorb spirituż (EGIS)
☐ għal prodotti oħra (NGI)
☐ kif elenkat fil-Ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi (EGIL)

Dritt għall-varjetà tal-pjanti:
☐ nazzjonali (NPVR)
☐ tal-Komunità (CPVR)

Ċertifikat supplimentari ta' protezzjoni:
☐ għal prodotti mediċinali (SPCM)
☐ għal prodotti fitofarmaċewtiċi (SPCP)

6*. L-Istat Membru jew, fil-każ ta' applikazzjoni tal-Unjoni, l-Istati Membri li fih/fihom jintalab l-intervent tal-awtoritajiet doganali

☐ L-ISTATI MEMBRI KOLLHA

☐ BE ☐ BG ☐ CZ ☐ DK ☐ DE ☐ EE ☐ IE ☐ EL ☐ ES ☐ FR ☐ HR ☐ IT ☐ CY ☐ LV
☐ LT ☐ LU ☐ HU ☐ MT ☐ NL ☐ AT ☐ PL ☐ PT ☐ RO ☐ SI ☐ SK ☐ FI ☐ SE ☐ XI

7. Rappreżentant għal kwistjonijiet legali
Kumpanija:
Isem*:
Indirizz*:
Belt*:
Kodiċi Postali:
Pajjiż*:
Telefown: (+) Faks: (+)
Mowbajl: (+)
Emejl*:
Websajt:

8. Rappreżentant għal kwistjonijiet tekniċi
Kumpanija:
Isem*:
Indirizz*:
Belt*:
Kodiċi Postali:
Pajjiż*:
Telefown: (+) Faks: (+)
Mowbajl: (+)
Emejl*:
Websajt:

9. Fil-każ ta' applikazzjoni tal-Unjoni, id-dettalji tar-rappreżentanti nominati għal kwistjonijiet legali u tekniċi huma inklużi fl-anness Nru ......

10. Nitlob li tintuża l-proċedura tal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 (kunsinni żgħar) fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri li ġejjin u, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, naqbel li nkopri l-ispejjeż marbuta mal-qerda tal-oġġetti skont din il-proċedura.

☐ L-ISTATI MEMBRI KOLLHA

☐ BE ☐ BG ☐ CZ ☐ DK ☐ DE ☐ EE ☐ IE ☐ EL ☐ ES ☐ FR ☐ HR ☐ IT ☐ CY ☐ LV
☐ LT ☐ LU ☐ HU ☐ MT ☐ NL ☐ AT ☐ PL ☐ PT ☐ RO ☐ SI ☐ SK ☐ FI ☐ SE ☐ XI

* dawn huma oqsma obbligatorji u jridu jimtlew 1 (+) mill-inqas wieħed minn dawn l-oqsma jrid jimtela

| 11*. Lista ta' drittijiet li tirreferi għalihom l-applikazzjoni | | | | Data ta' skadenza | |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru | Tip ta' dritt | Numru ta' reġistrazzjoni | Data ta' reġistrazzjoni | | Lista ta' prodotti li jirreferi għalihom id-dritt |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

Għal aktar drittijiet ara l-anness nru ...... ☐ Trattament ristrett

Prodotti awtentiċi

12*. Deskrizzjoni dettaljata tal-prodotti ☐ Trattament ristrett

Nru tad-dritt tal-PI:

Deskrizzjoni tal-prodotti:

Numru tat-tariffa tan-NM:

Valur doganali:

Valur tas-suq medju Ewropew:

Valur tas-suq nazzjonali: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

13*. Karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti ☐ Trattament ristrett

Il-pożizzjoni fuq il-prodotti:

Deskrizzjoni:

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

14*. Post tal-produzzjoni ☐ Trattament ristrett

Pajjiż:

Kumpanija:

Indirizz:

Belt:

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

15*. Kumpaniji involuti ☐ Trattament ristrett

Rwol:

Isem:

Indirizz:

Belt:

Kodiċi Postali:

Pajjiż: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

16*. Kummerċjanti ☐ Trattament ristrett

Isem:

Indirizz:

Belt:

Kodiċi Postali:

Pajjiż: ☐ Ara l-anness allegat Nru ......

17. Tagħrif dwar l-ikklerjar tal-prodotti u d-distribuzzjoni tagħhom ☐ Trattament ristrett

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

18. Pakketti ☐ Trattament ristrett

Tip ta' imballaġġ:

Għadd ta' prodotti f'kull pakkett:

Deskrizzjoni (inklużi karatteristiċi speċifiċi):

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

19. Dokumenti allegati ☐ Trattament ristrett

Tip ta' dokument:

Deskrizzjoni:

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

2

| Prodotti foloz | |
|---|---|
| 20. Deskrizzjoni dettaljata tal-prodotti<br>Nru tad-dritt tal-PI:<br>Deskrizzjoni tal-prodotti:<br><br>Numru tat-tariffa tan-NM:<br>Valur minimu: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 21. Karatteristiċi speċifiċi tal-prodotti<br>Pożizzjoni fuq il-prodotti:<br>Deskrizzjoni: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 22. Post tal-produzzjoni<br>Pajjiż:<br>Kumpanija:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 23. Kumpaniji involuti<br>Rwol:<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali:<br>Pajjiż: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 24. Kummerċjanti<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Belt:<br>Kodiċi Postali:<br>Pajjiż: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 25. Tagħrif dwar id-distribuzzjoni tal-prodotti | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 26. Pakketti<br>Tip ta' imballaġġ:<br>Għadd ta' prodotti f'kull pakkett:<br>Deskrizzjoni (inklużi karatteristiċi speċifiċi): | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |
| 27. Dokumenti allegati<br>Tip ta' dokument:<br>Deskrizzjoni: | ☐ Trattament ristrett<br><br>☐ Ara l-anness allegat Nru ...... |

3

28. Tagħrif addizzjonali

☐ Trattament ristrett

☐

☐ Ara l-anness allegat Nru ......

29. Impenji

Billi niffirma nieħu l-impenn li:

• ninnotifika immedjatament lid-dipartiment doganali kompetenti li laqa' din l-applikazzjoni bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni pprovduta minni f'din l-applikazzjoni jew fl-allegati skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

• nibgħat lid-dipartiment doganali kompetenti li laqa' din l-applikazzjoni kwalunkwe aġġornament rigward l-informazzjoni imsemmija fil-punti (g), (h) jew (i) tal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 608/2013 li hija relevanti għall-analiżi u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet tad-dwana rigward ir-riskju ta' ksur tad-dritt jew drittijiet tal-proprjetà intellettwali inklużi f'din l-applikazzjoni.

• nassumi r-responsabbiltà skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013 u li nġarrab l-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.

Naqbel li d-data kollha ppreżentata ma din l-applikazzjoni tista' tiġi pproċessata mill-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, li taġixxi bħala proċessur f'isem l-Istati Membri u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea.

30*. Firma

Data (JJ/XX/SSSS)

Firma tal-applikant

Post

Isem (Ittri kapitali)

**Għall-użu uffiċjali**

Id-deċiżjoni tal-awtoritajiet doganali (skont it-tifsira tat-Taqsima 2 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013)

☐ L-applikazzjoni hija milqugħa kompletament.

☐ L-applikazzjoni hija milqugħa parzjalment (għad-drittijiet mogħtija ara l-lista allegata).

Data tal-adozzjoni (JJ/XX/SSSS)

Firma u timbru

Dipartiment doganali kompetenti

Id-data ta' skadenza tal-applikazzjoni:

Kwalunkwe talba għal estensjoni tal-perjodu li fih l-awtoritajiet tad-dwana jridu jieħdu azzjoni għandha tasal għand id-dipartiment doganali kompetenti mhux aktar tard minn 30 jum ta' xogħol qabel id-data tal-iskadenza.

☐ L-applikazzjoni ġiet miċħuda.

Deċiżjoni motivata li tiddkjara r-raġunijiet għal ċaħda parzjali jew kompleta u tagħrif dwar il-proċedura tal-appell huma mehmuża.

Data (JJ/XX/SSSS)

Firma u timbru

Dipartiment doganali kompetenti

4

**Il-protezzjoni personali tad-data u l-bażi tad-data ċentrali għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal intervent.**

Din l-istqarrija ta' privatezza tispjega r-raġunijiet għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek, il-mod kif tinġabar, tiġi trattata u l-mod kif il-protezzjoni tad-data personali kollha tiegħek tiġi żgurata. L-awtorità doganali kompetenti ta' Stat Membru hija/huma l-kontrollur(i) tal-operazzjoni tal-ipproċessar. Għal dan il-għan il-kontrollur(i) jipproċessa(w) id-data personali li hemm f'din l-applikazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data.
Il-Kummissjoni Ewropea taġixxi bħala proċessur f'isem l-Istati Membri u tipproċessa data personali inkluża f'din l-applikazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data.
L-għan tal-ipproċessar tad-data personali tal-applikazzjoni għal azzjoni huwa l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) mill-awtoritajiet doganali fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.
Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-data personali għall-infurzar tal-IPR hija l-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (UE) Nru 608/2013.
L-attività ta' pproċessar tal-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-Istati Membri u skont il-mandat tagħhom, tikkonsisti fil-ħażna u ż-żamma tad-data personali relatata mal-applikazzjonijiet għal azzjoni u l-hemżiet tagħha fil-bażi tad-data ċentrali COPIS. Dan jinkludi ż-żamma ta' arranġamenti tekniċi u organizzazzjonali xierqa għall-operazzjoni affidabbli u sigura tal-bażi tad-data COPIS. Miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa li jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju tat-telf tad-data, l-alterazzjoni tad-data jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju maħluq mill-ipproċessar u n-natura tad-data personali li tkun qed tiġi pproċessata. L-aċċess għad-data personali jingħata fuq bażi ta' ħtieġa ta' tagħrif u permezz ta' kontijiet personali lil persunal awtorizzat tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni Ewropea. Il-punt ta' kuntatt fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea għal mistoqsijiet dwar l-attività ta' pproċessar fil-COPIS huwa d-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali: TAXUD-DP-COPIS@ec.europa.eu.
Għal analiżi aktar fil-fond tad-data tal-ksur u biex l-ambitu ġeografiku u l-impatt tal-ksur tal-IPR jinftiehmu aħjar, il-Kummissjoni fi ħdan il-mandat mogħti lilha mill-Istati Membri, flimkien mad-data tal-ksur se tibgħat isem id-detentur rispettiv tad-deċiżjoni li abbażi tagħha jkunu aġixxew id-Dwana, lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea. Ir-referenza tar-reġistru tal-operazzjoni tal-ipproċessar tal-EUIPO hija DPR-2019-051 (https://euipo.europa.eu/tunnel-web/secure/webdav/guest/document_library/contentPdfs/data_protection/rpt_register_en.pdf).
It-twegħibiet fl-oqsma tad-data mmarkati b'* huma obbligatorji. Fil-każ li din id-data obbligatorja ma timteliex, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda.
L-awtoritajiet doganali jridu jħassru d-data mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' meta d-deċiżjoni rilevanti li tilqa' l-applikazzjoni tkun ġiet revokata jew mid-data ta' meta l-perjodu rilevanti li matulu l-awtoritajiet doganali jistgħu jieħdu azzjoni jkun skada. Il-perjodu li matulu l-awtoritajiet doganali jridu jieħdu azzjoni għandu jkun speċifikat mid-dipartiment doganali kompetenti meta jilqa' l-applikazzjoni u ma għandux jaqbeż sena mill-għada tal-adozzjoni tad-deċiżjoni li tilqa' l-applikazzjoni. Madankollu, meta l-awtoritajiet doganali jkunu ġew innotifikati bi proċedimenti li jinbdew biex tiġi determinata falsifikazzjoni possibbli ta' oġġetti skont l-applikazzjoni, dawn iridu jħassru d-data personali mhux aktar tard minn sitt xhur wara li l-proċedimenti jkunu ġew konklużi b'mod finali.
F'każ ta' vjolazzjoni tad-data personali, l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'konformità mad-doveri tagħhom li huma stipulati fil-GDPR. Meta huwa probabbli li l-vjolazzjoni tad-data personali tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tiegħek l-awtoritajiet doganali fl-Istati Membri għandhom jinfurmawk minnufih ħalli inti tkun tista' tieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa.
Għandek id-dritt taċċessa u tikkoreġi d-data personali tiegħek f'kull ħin speċjalment jekk id-data mhijiex preċiża jew mhijiex kompluta.
Għandek id-dritt li (fejn applikabbli) titlob għal restrizzjoni tal-ipproċessar jew tat-tħassir ("id-dritt li tkun minsi(ja)"), li toġġezzjona għall-ipproċessar, li tirtira l-kunsens tiegħek, u li ma tkunx soġġett għal teħid ta' deċiżjonijiet individwali awtomatizzati, inkluż it-tfassil ta' profili. It-talbiet kollha għandhom jiġu ppreżentati u pproċessati mid-dipartiment doganali kompetenti fejn tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni.
Għal-lista tad-dipartimenti doganali kompetenti fl-Istati Membri ara https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/customs/customs_controls/counterfeit_piracy/right_holders/defend-your-rights_en.pdf
Jekk tħoss li d-drittijietek ġew miksura b'xi mod, għandek id-dritt li tilmenta mal-awtorità superviżorja nazzjonali inkarigata mill-protezzjoni tad-data (informazzjoni ta' kuntatt hawnhekk: https://edpb.europa.eu/about-edpb/board/members_mt) billi ssegwi l-proċedura nazzjonali applikabbli. Jekk għandek kummenti, mistoqsijiet jew xi tħassib ieħor dwar il-ġbir u l-użu tad-data personali tiegħek, inti liberu tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (DPO) fl-Organizzazzjoni Doganali tal-Istat Membru. Meta l-ilment ikun jikkonċerna l-ipproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni Ewropea, dan għandu jiġi indirizzat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

5 ."